MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Numru. 400/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Patricia Bone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Patricia Bone, Karta tal-Identita Numru: 568756M

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 t'Awwissu, 2006 u matul it-tlett xhur qabel din id-data:

a) Ittraffikat, bieghet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegh jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

b) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap tal-9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri m'humiex kontestati bejn il-kontendenti u huma s-segwenti:

1. L-imputata kienet go party u saritilha tfittxija mill-Pulizija fil-handbag taghha fejn instabu hames (5) pilloli suspettati li kienu ecstacy.
2. Fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li kienet ilha xi tlett (3) xhur tiehu l-ecstacy, pero mhux b'mod regolari.
3. Hija qalet li l-hames (5) pilloli ecstacy kienet xtrathom minghand ragel waqt l-istess party *"biex nohduhom"*. Meta giet mistoqsija mill-Ispettur ma min kienet se tehodhom, l-imputata wiegbet hekk: *"Forsi jkun hemm xi habiba tieghi u ntiha xi pillola. Jekk ma nehduhomx kollha llum, inzomm ghal ghada wkoll. Jekk ma nehduhomx kollha inzommhom ghalija."*
4. Fl-istqarrija, l-imputata ammettiet ukoll li darba tat pillola ecstasy lil xi habiba, imma minghajr flus.
5. Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2011,[1] sar is-segwenti verbal *"Dr Gavin Gulia ghall-imputata mhux qed jikkontesta illi l-pilloli li nstabu ghand l-imputata u li gew esebiti fis-seduta tat-28 ta' Frar 2011 bhala Dok PG2 kienu fil-fatt pilloli ecstacy."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

*<u>L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputata</u>*

Qabel il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu tal-kawza, il-Qorti sejra tikkunsidra t-talba tad-difiza sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputata ghaliex meta din l-istqarrija inghatat, il-ligi Maltija ma kinietx tippermetti assistenza legali qabel l-interrogatorju.

[1] Ara fol. 17 tal-process.

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[2]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[3]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hiex persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[4]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

[2] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[3] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[4] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[6], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[7] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[8]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputata kellha 49 sena. Ghalkemm ma rrizultax li hija kellha esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputata ma kienitx minorenni u lanqas ma allegat li kienet tbati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment setghet kienet intimidata bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputata setghet stqarret htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputata giet mgharrfa bid-dritt taghha li tibqa' siekta u ma twiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla setghet taghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdu f'Awwissu 2006, kien biss fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2011, li l-imputata issollevat l-kwistjoni li l-istqarrija taghha ttiehdet minghajr ma kellha assistenza legali. Matul dawn il-hames (5) snin, l-imputata qatt ma fittxet li tiehu lura l-istqarrija taghha jew li tichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputata stess ma kinietx qed thossha illi tqieghdet taht zvantagg ingust bl-istqarrija taghha li, wara kollox, ghamlitha liberament.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputata ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alfred Camilleri**, deciza fit-12 ta' Novembru 2012, fejn fuq il-fatti specje tal-kaz waslet ghall-konkluzjoni li fil-fatt kien gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq tal-akkuzat, ghaliex ma kienx assistit minn avukat qabel l-interrogatorju. Pero f'dak il-kaz il-fatt determinanti li wassal lill-Qorti Kostituzzjonali tasal ghal dik il-konkluzjoni kien li irrizulta mill-provi illi qabel saret l-interrogazzjoni bil-miktub, il-Pulizija ghamlet tfittxija fir-residenza ta' omm l-akkuzat f'dik il-kawza. Ghalkemm l-akkuzat kien diga suspettat bit-twettiq ta' reat, huwa ma nghatax it-twissija mill-Pulizija li kellu jedd jibqa' sieket sabiex ma jinkriminax ruhu, u

[5] *Per* Imhallef David Scicluna.
[6] *Per* Imhallef David Scicluna.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.

l-akkuzat ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti f'dak l-istadju waqt it-tfittxija. Dawn il-fattispecje f'din is-sentenza ma jattaljawx ghal kaz odjern.

Konsegwentement fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputata.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Traffikar tad-Droga Ecstacy*

L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputata ttraffikat id-droga ecstacy. Din l-imputazzjoni giet ammessa mill-imputata fl-istqarrija taghha, meta qalet li kien hemm okkazzjoni wahda fejn hi tat pillola ecstacy lil habiba taghha waqt party.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli Prosekutur kien leali u ssottometta li din il-Qorti trid tiddeciedi l-kwistjoni jekk dan il-kaz hux kaz ta' traffikar klassiku jew hux ta' kaz ta' dak li popolarment jissejjah *trafficking by sharing*. Mill-provi ma jirrizultawx ic-cirkostanzi li fihom l-imputata tat din il-pillola lil habiba taghha.

Pero, din il-Qorti, wara li qieset li l-ammont ta' droga involut kien ta' pillola ecstacy wahda, li huwa notorju li din id-droga tittiehed l-aktar fil-parties minn klikek ta' hbieb "biex jiehdu pjacir" flimkien u li meta gara l-kaz, l-imputata kellha fedina penali netta, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputata tat din il-pillola lil habibha taghha sabiex tikkonsmaha waqt il-party flimkien maghha.

Konsegwentement, il-Qorti qieghda issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra taghha, b'dan li t-traffikar sar *by sharing.*

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Pussess Aggravat tad-Droga Ecstacy</u>*

L-imputata nstabet fil-pussess ta' hames (5) pilloli ecstacy. Ghalkemm ma jistghax jinghad li dan l-ammont hu wiehed kbir, kif huwa notorju fil-qasam tad-droga, id-doza ta' ecstacy ghal serata wahda hija ta' zewg (2) pilloli – massimu ta' tlieta (3). Fil-fatt, skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta), il-pussess tal-ecstacy huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' massimu ta' zewg (2) pilloli ecstacy.

Ghaldaqstant, il-pussess ta' hames (5) pilloli ecstacy jammonta ghal pussess aggravat.

Pero meta waqt l-interrogatorju, l-imputata giet mistoqsija mill-ispettur ghalfejn kellha hames (5) pilloli fuqha, hija wiegbet li l-hames (5) pilloli ecstacy kienet xtrathom minghand ragel waqt l-istess party *"<u>biex nohduhom</u>"* (sottolinear tal-Qorti). Meta giet mistoqsija mill-Ispettur ma min kienet se tehodhom, l-imputata wiegbet hekk: *"Forsi jkun hemm xi habiba tieghi u ntiha xi pillola. Jekk ma nehduhomx kollha llum, inzomm ghal ghada wkoll. Jekk ma nehduhomx kollha inzommhom ghalija."*

Meta wiehed jikkonsidra l-ammont ta' pilloli involut, li huwa notorju li l-ecstacy normalment tintuza minn klikkek ta' hbieb flimkien waqt parties, il-fedina penali netta tal-imputata sa dak l-incident, u l-Qorti hija tal-opinjoni li dak li qalet l-imputata fl-istqarrija taghha, u cioe li kienet intenzjonata tiehu dawk il-pilloli flimkien ma' habiba taghha waqt il-party, hija l-verita.

Ghalkemm l-imputata ma lahqitx qasmet id-droga mal-habiba taghha, hija xorta hatja ta' traffikar *by sharing*, u dan billi l-Artikolu 120A (7) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-*subartikolu *(2)(a)(i) jew (b)(i):*

*Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-*subartikolu*, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu: … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk huwa sufficjenti li l-imputat ikollu l-intenzjoni li jikkonsma d-droga fl-istess post mal-ohrajn sabiex ikun hati ta' traffikar *by sharing*. Fil-kaz odjern, l-imputata wkoll kellha l-intenzjoni li tikkonsma d-droga flimkien mal-habiba taghha.

Konsegwentement, il-Qorti qieghda issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha, b'dan li r-reat huwa ta' traffikar *by sharing.*

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta bdew dawn il-proceduri, l-imputata kellha 49 sena u l-fedina penali taghha kienet wahda netta. Mill-fedina aggiornata taghha jirrizulta li l-imputata ghandha kundanna wahda ta' pussess semplici tad-droga ecstacy.

L-imputata kienet ilha tabbuza mid-droga ecstacy xi tlett xhur qabel l-incident u ma kienitx tabbuza b'mod regolari.

Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit,[9] li bdiet issegwiha fuq Ordni ta' Probation moghtija bis-sentenza fuq imsemmija, jirrizulta li l-imputata qed taghmel l-almu taghha sabiex teghleb il-problemi personali taghha u l-andament taghha huwa wiehed tajjeb.

Min-naha l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora s-serjeta tar-reat tat-traffikar tad-droga, anki jekk dan isir *by sharing*. Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Pero' fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-opinjoni tal-Qorti piena karcerarja effettiva mhix idonea f'dan il-kaz.

Peress li ma gew mahtura l-ebda esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputata thallas l-ispejjez tal-esperti mahtura.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u 120A(7) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u tikkundannaha ghal piena

[9] Ara xhieda ta' Maryanne Zammit a fol. 26-27 tal-process.

karcerarja ta’ disa’ (9) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

A tenur tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ma’ din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqha skond l-Ordni ta’ Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta’ Supervizjoni.

In oltre il-Qorti qed tikkundanna lill-hatja ghal hlas ta’ multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Lulju 2015, b’dan li jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u l-affarijiet konnessi maghha taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------